

Brussell, 15 ta' Lulju 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0218(NLE)

11428/22
ADD 1

UD 151
COEST 573

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 345 final
Suġġett:	ANNESI ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt tal-EU-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-oġġetti u tal-Kumitat Konġunt tal-EU-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-Proċedura Komuni ta' Tranżitu fir-rigward ta' stedinet lill-Ukrajna biex taderixxi ma' dawk il-Konvenzjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 345 final.

Mehmuż: COM(2022) 345 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2022
COM(2022) 345 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

ta'

Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt tal-EU-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-oġġetti u tal-Komitat Konġunt tal-EU-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-Proċedura Komuni ta' Tranżitu fir-rigward ta' stedinet lill-Ukrajna biex taderixxi ma' dawk il-Konvenzjonijiet

ANNEX I

Proposta għal Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-oġġetti ta' 2022

fir-rigward l-istedina lill-Ukrajna biex taderixxi ma' dik il-Konvenzjoni

IL-KUMITAT KONĠUNT EU-CTC,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-oġġetti¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) L-Ukrajna esprimiet ix-xewqa tagħha li taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-oġġetti ("il-Konvenzjoni") fi [.....].
- (2) L-iskambju tal-oġġetti mal-Ukrajna jkun iffaċilitat permezz ta' simplifikazzjoni tal-formalitajiet li jaffettwaw il-kummerċ tal-oġġetti bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija, is-Serbja u r-Renju Unit.
- (3) Bil-ħsieb li tinkiseb tali faċilitazzjoni, huwa xieraq li l-Ukrajna tiġi mistiedna biex taderixxi mal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Ukrajna għandha tiġi mistiedna taderixxi mal-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 11a tal-Konvenzjoni, minn...

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi, 2022,

Għall-Kumitat Konġunt EU-CTC

Il-President

Matthias PETSCHKE

¹ ĠU L 134, 22.5.1987, p.2.

ANNEX II

Proposta għal Deċiżjoni Nru 2/2022 tal-Kumitat Konġunt EU-CTC stabbilita bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-Proċedura Komuni ta' Tranżitu ta'..... 2022

fir-rigward l-istedina lill-Ukrajna biex taderixxi ma' dik il-Konvenzjoni

IL-KUMITAT KONĠUNT EU-CTC,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-Proċedura Komuni ta' Tranzitu², u b' mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) tagħha,

Billi:

- (1) L-Ukrajna esprimiet ix-xewqa tagħha li taderixxi mal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-Proċedura Komuni ta' Tranżitu ("il-Konvenzjoni") fi [...].
- (2) Il-moviment tal-oġġetti mal-Ukrajna jkun iffaċilitat permezz ta' Proċedura Komuni ta' Tranżitu għall-oġġetti ttrasportat bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija, is-Serbja u r-Renju Unit.
- (3) Bil-ħsieb li tinkiseb tali faċilitazzjoni, huwa xieraq li l-Ukrajna tiġi mistiedna biex taderixxi mal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Ukrajna għandha tiġi mistiedna taderixxi mal-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 15a tal-Konvenzjoni minn ...

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi, 2022.

Għall-Kumitat Konġunt EU-CTC

Il-President

Matthias PETSCHKE

² ĠU L 226, 13.8.1987, p.2.